MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 286/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mark Anthony Portanier**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Dicembru, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Sarah Portanier u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tas-sejba ta' htija thassar jew tirrevoka fir-rigward il-piena inflitta billi timponi piena inqas harxa minn dik imposta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi minhabba l-mard serju li l-appellant ghandu u li qieghed ibati minnu dan qieghed jimpedieh milli jahdem bil-konsegwenza li ma jistax jaqla flus sabiex ighejjex lit-tfal tieghu. Dan qieghed jinghad mhux b'kapricc imma b'serjeta` kollha tant li l-appellant ma jistax jahdem. Illi abbazi tal-principju *nemo tenetur ad impossibilia* l-appellant qieghed fi stat impossibbli li jobdi l-ordnijiet tal-Onorabbli Qorti u ghalhekk ma jistax isostni l-manteniment.
2. Illi di piu l-appellant qieghed jikkontesta dan id-digriet tal-Qorti billi beda zewg kawzi kontra l-mara u jekk ghall-grazzja tal-argument l-Onorabbli Qorti tal-Familja tordna xi riduzzjoni jew kancellazzjoni fil-manteniment anki fl-arretrati dan ifisser din is-sentenza ta' habs tkun inghatat ghal xejn u ghalhekk sakemm tigi deciza l-kwistjoni tal-manteniment l-appellant ma ghadhux jinghata sentenzi ta' habs.
3. Illi inoltre s-sentenza ta' gimgha detenzjoni hija piena esagerata tenut kont tac-cirkostanzi li l-appellant jinsab fihom u hija piena ghall-kollox iebsa fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat il-verbal tad-19 ta' Jannar, 2012 li bih id-difiza ddikjarat illi kien minnu illi l-appellant ma vversax il-manteniment lill-martu fiz-zmien u ghall-perjodu indikat fic-citazzjoni, rrilevat pero` illi dana kien dovut ghall-kondizzjoni medika tieghu li tinvolvi impediment fiziku u psikjatriku li minhabba fihom ma jistax jahdem.

Dina hija l-konsegwenza tal-aggravju principali tal-appellant fejn qieghed jecepixxi l-principju "*nemo ad impossibilia tenetur*".

In sostenn tal-aggravju tieghu, l-appellant ipproduca lill-psikjatra Dr. Ethel Felice illi qalet illi l-appellant ilu pazjent taghha mill-2005, fejn dak inhar kien qieghed jimmanifesta sintomi ta' "depression", kawza wkoll ta' ferita fl-ispina li minhabba d-"depression" marret ghall-aghar. Ghall-ewwel il-marta tieghu, l-parti civili Sara Portanier kienet "supportive" hafna u kienet dejjem tigi mieghu ghand il-psikjatra u tara kif tista` tikkoopera maghha. Dana spicca bis-separazzjoni li kompliet titfa lill-appellant fil-bassi fondi ta' depressjoni li minhabba fiha ma setax jahdem u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jivversa manteniment u kwindi ma kellhux jinstab hati.

Bir-rispett ma taqbilx ma dan l-argument.

Ikkunsidrat :

Il-parti civili Sara Portanier ghandha favur taghha digriet mill-Qorti tal-Familja illi jistabilixxi r-relazzjoni finanzjarja bejn il-partijiet b'obbligu ta' hlas ghall-manteniment ghall-uliedu. Dana l-appellant qieghed jinjora bl-iskuza illi ma jistax jahdem imhabba impediment fiziku.

Jibda biex jinghad illi salv l-effetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, l-ordnijiet moghtija validament minn Qorti tal-Familja jibqghu validi sakemm ma jigux espressament revokati jew altrimenti mibdula mill-istess Qorti tal-Familja.

Kif qalet il-kawza "Pulizija vs Anthony Saliba" [15 ta' Lulju 1998] *"......jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol,*

*dan ma jiskuzahix mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu hu li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli li lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skond id-digriet."* (Ukoll Police vs Alfred Camilleri 18 ta' Settembru 2002).

Irrizulta mix-xhieda illi l-appellant adixxa Qorti kompetenti sabiex jimmodifika jew inehhi l-manteniment dovut, izda ma kellux success u kull darba illi jaghmel rikors dana dejjem gie michud.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb tal-appellant u b'dawn ir-rifjuti, ma jistax jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh u arbitrarjament jiddeciedi li ma jhallasx il-manteniment. L-iskuza illi ghandu impediment fiziku u psikologiku mhix wahda rikonoxxuta mill-Qrati taghna.

Fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Nicholas Azzopardi" deciza fit-30 ta' April 2009 intqal testwalment *"ghar-rigward tal-aggravju tal-forza magguri, ibbazzat fuq il-massima legali "nemo ad impossibilia tenetur", din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza stabbilita fir-rigward. Anki jekk hu minnu li l-appellant qabdu xi "breakdown" jew "depression", ma jahdimx aktar u spicca bla introjtu, l-patt minnu assunt fil-kuntratt ta' separazzjoni kien jibqa` vigenti sakemm ma ssirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bonarjament jew "ope magisterium". Sakemm il-patt kuntrattwali ma jigix hekk varjat, l-appellant kien ghadu obbligat li jivversa lill-martu l-ammonti miftehma.*

*Jekk hu hass illi kienu imbidlu c-cirkostanzi, kien missu ipproceda quddiem il-Qorti kompetenti biex ivarja dan l-obbligu tieghu u mhux jaghmel fuq sentejn ma jaghmel xejn umbaghad meta jigi mharrek ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment, jecepixxi l-impossibilita` fizika li jadempixxi l-obbligu tieghu".*

Veru illi f’dan il-kaz l-appellant adixxa Qorti kompetenti sabiex jigi varjat l-ordni lilu mpost, pero` ma kellux success u llum il-patt minnu assunt fil-kuntratt ta’ separazzjoni u/jew digriet baqa` u ghadu vigenti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi jkun fil-fatt (ara wkoll Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju 1999 u Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24 ta’ April 2003).

Il-piena ta’ gimgha detenzjoni inflitta mill-Ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u f’dan il-kaz allura ma hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak fil-fatt stabbilit.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------